# MSSP u s-Sena Pawlina



F'dan iż-żmien meta l-Knisja kollha qiegħda tirrifletti fuq l-Appostlu Misserna San Pawl, aħna bħala Soċjetà Missjunarja Pawlina, ħassejna li huwa d-dmir tagħna li matul din is-sena nanimaw lil ħutna kemm dawk qrib tagħna, kif ukoll oħrajn, biex insiru nafu iktar mill-qrib lill-Appostlu tal-Ġnus.

Minn Ottubru li għadda bdejna set ta' katekeżijiet bibliċi, fejn permezz ta' talk li jaqsam magħna wieħed mill-fathers MSSP, inkomplu nirriflettu fuq diversi aspetti mill-ħajja u l-ittri ta' l-Appostlu. Il-katekeżijiet li għandhom jibqgħu għaddejjien sax-xahar ta' Mejju, qegħdin isiru kull l-ewwel Tnejn tax-xahar fis-7.30pm, ġewwa d-Dar ta' San Ġużepp. Nistgħu ngħidu li dawn il-katekeżijiet ġew milqugħa tajjeb, b'attendenza ta 'l fuq minn 200 persuna f'kull katekeżi. Barra minn hekk, bħalissa qegħdin isiru l-preparamenti għall-żewġ 'weekend retreats', wieħed ġewwa Dar Stella Maris, f'Għawdex u l-ieħor f'Malta, f'Mejju u Ġunju rispettivament, dejjem fuq tema Pawlina.Dettalji jitħabbru iktar il-quddiem.

F'Ottubru u f'Novembru kellna ċ-ċans wkoll li nanimaw żewġ Pellegrinaġġi Pawlini f'Malta, wieħed għall-lajċi u l-ieħor għas-saċerdoti. F'dawn il-pellegrinaġġi ta' ġurnata, żorna diversi postijiet marbuta ma' l-Appostlu Pawlu u flimkien, f'ambjent ta' talb, għamilna mixja ta' fidi animati mill-ittri ta' Pawlu.

## ĠURNATA STUDENTI

- Trid tibqa' tagħmel il-ġid għal dejjem?
- Trid ikollok min jibqà jitlob għalik?
- Trid ma tintesiex wara mewtek?

Dan jistà jseħħ billi tagħmel,

**Fundazzjoni għal-ħamsa u għoxrin sena**
**TA' ĠURNATA STUDENTI**



Dan tagħmlu billi toffri €466 li bl-imgħax tagħhom inkunu nistgħu nżommu l-istudenti għal ġurnata. Dan jibqà jsir kull sena, għal ħamsa u għoxrin sena. F'ġurnata li tagħżel int:

**L-istudenti joffru l-quddiesa, t-talb, u dak kollu li jagħmlu matul il-ġurnata għalik jew għal min trid int.**

**L-indirizz tiegħi hu: 'L-Oratorju' Triq San Ġiljan, B'Kara, BKR 2806. Tel: 2144 1917 / 7926 5968**


JANNAR / GĦADD 433
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP


# għalilkom



**ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB**


NEWSPAPER POST
SOĊJETÀ MISSJUNARJA TÀ SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159


## Ħolma li Saret Realtà


**Fr.Marcell Portelli mssp,**
***L-Ewwel Kappillan tal-Parrocca***


Lima, l-belt kapitali tal-Perù hija belt kbira b'popolazzjoni ta' xi 8 miljun ruħ. Ftit il-bogħod miċ-ċentru ta' Lima hemm parti li jisimha 't-Tielet parti ta' Pando'. Erba' snin ilu l-Isqof Awżiljari ta' Lima talab lis-Soċjetà tagħna biex tieħu ħsieb din ż-żona. Kif dħalna f' din iż-żona sibna kappella li tesgħa 300 ruħ iddedikata lil-Madonna tar-Rimedju t-Tajjeb. Meta n-nies ta' din iż-żona marru joqgħodu hemm ma kien hemm xejn. Iżda grupp ta' nisa bdew jgħidu r-rużarju fid-djar quddiem l-istatwa tal-Madonna. Dan jeħodna 17-il sena lura. Sena wara li beda r-rużarju fid-djar bl-inizjattiva ta' dan il-grupp ta' nisa, inxtrat biċċa art bil-ħsieb li tinbena kappella. Saret kappella tal-qasab u beda jitqaddes il-Quddies f'din il-kappella. Dawn in-nies minn dak iż-żmien kienu joħolmu li xi darba din il-kappella ssir tal-ġebel u minn jaf issirx Parroċċa! Bil-mod il-mod din il-kappella nbniet bil-ġebel. Meta aħna dħalna f''din iż-żona f'April tal-2004 sibna din il-kappella lesta iżda mingħajr madum, s-sagristija u s-sala bis-saqaf taż-żingu u l-art kollha mingħajr madum. Bil-għajnuna t'Alla n-nies ta' din iż-żona laqgħuna tajjeb ħafna.

F'Awwissu tal-2007 għamilna l-madum tal-kappela, is-sistema tad-dawl u tal-*ispeakers* ġodda u żbajna l-kappella minn ġewwa u minn barra. Minħabba li n-nies baqgħu jgħinu, f' Diċembru tal-istess sena għamilna s-saqaf tas-sagristija, l-uffiċju parrokjali u s-sala. In-nies mimlijin bl-entużjażmu baqgħu jgħinu u bdejna t-tieni sular, id-dar parrokkjali u bdejna t-tielet sular, bi swali għad-dutrina. Sadanittant in-nies baqgħu bit-tama li din il-kappella ssir parroċċa. U hekk sar, għax kemm l-Isqof Awżiljaru Mons Adriano Tomasi, u kemm il-Kardinal Juan Luis Cipriani Thorne, qablu li din il-kappella tal-Madonna tar-Rimedju t-Tajjeb issir parroċċa.

Il-ġurnata tant mistennja waslet. Il-Ħadd, 26 ta' Ottubru tas-sena l-oħra, il-Kardinal ta' Lima ddikjaraha parroċċa u ddedika din il-Knisja lil Alla bl-isem tal-Madonna tar-Rimedju t-Tajjeb u San Pawl Apostlu, minħabba li saret fis-sena Pawlina. Dan sar fost l-entużjażmu u l-ferħ tan-nies li ġew bi ħgarhom għal din l-okkażjoni. In-nies ta' din iż-żona, speċjalment dawk li kienu joqgħodu hawn mill-bidu u li tant ħadmu biex din il-kappella issir parroċċa, raw li l-ħolma tagħhom saret realtà.

Ibqgħu itolbu għalina ħalli f'din il-kappella li saret parroċċa, jirnexxilna niffurmaw fiha diversi komunitajet maqgħudin u li jirrispettaw u jħobbu lil xulxin.



# Laqgħa Internazjonali ta' Formazzjoni

Fr.Martin Galea mssp

Fil-2010 is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl tiċċelebra l-ewwel ċentinarju minn meta twaqfet minn Mons. Ġużeppi De Piro. Aħna, il-membri ta' din l-istess Soċjetà, dherilna li mod mill-iktar xieraq kif niċċelebraw dan l-avveniment huwa billi nagħmlu ħilitna biex nagħrfu aktar lil Fundatur tagħna u l-kariżma li l-Mulej għoġbu jagħtina permezz tiegħu. Fost l-inizzjativi li ġew ipprogrammati f'dan ir-rigward ġie maħsub li ssir laqgħa għall-membri li huma fil-formazzjoni kif ukoll għas-saċerdoti żgħar, kemm Maltin kif ukoll barranin.









Din il-laqgħa fil-fatt seħħet bejn il-4 u 21 ta' Diċembru ġewwa Malta. Rajna li huwa sewwa li laqgħa bħal din issir fil-pajjiż li fih twieldet din is-Soċjetà, ħalli tagħti l-opportunità lil diversi membri mhux Maltin li jiskopru l-għeruq ta' din l-istess Soċjetà. B'kollox inġbarna madwar 20 membru u l-esperjenza tidher li kienet posittiva ferm.

Fl-ewwel ftit jiem ħadna ħsieb li ndawru lil membri mhux Maltin, li kienu madwar tmienja, xi postijiet ta' interess kulturali. Imbagħad, bdejna naħdmu biex bħala membri nsiru nafu aktar lil xulxin permezz ta' laqgħat li kienu ndirizzati biex jgħinuna naqsmu ftit min aħna u minn fejn ġejjin.

Wara dan, bdejna nżuru diversi postijiet marbuta mal-ħajja tal-Fundatur. Żorna, allura, id-dar li fiha trabba, kif ukoll l-ewwel dar li kella s-Soċjetà ġewwa l-Imdina. Kien impressjonanti tara f'liema ambjent fqajjar twieldet is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl – il-Fundatur kien iqabbel din id-dar mal-grotta ta' Betlehem, u allura, b'dan il-ħsieb, kien isib il-faraġ meħtieġ.

Żorna wkoll id-djar u l-ħidmiet li s-Soċjetà illum għandha f'Malta. Diversi minnhom kien il-Fundatur stess li bdihom u allura f'dawn il-postijiet irriflettejna fuq il-viżjoni li l-Fundatur tagħna kellu għalihom. Għalina huwa mportanti li dejjem nifhmu x'kien dak l-ispirtu li immotivah biex jidħol għal xi ħidma partikulari. Dan jgħinna nkomplu nimxu fuq il-passi tiegħu f'dinja u fi żmien li huma mbiegħda minn dawk li għex fihom hu.

Ħadna wkoll ftit żmien biex nirriflettu kif il-ħidma missjunarja tal-Knisja żviluppat matul iż-żmien u kif llum il-Knisja tixtieqna nkunu bħala missjunarji. Ma naqsitx ukoll ħarsa lejn l-istorja tas-Soċjetà tagħna biex nifhmu aktar kif wasalna fejn qegħdin illum. Eżerċizzju ieħor importanti kien li naqsmu l-ħolm u x-xewqat tagħna għal din il-familja tagħna.

Żewġ mumenti sbieħ kienu il-laqgħa li kellna ma' l-Arċisqof ta' Malta, u dik li kellna ma' l-Isqof ta' Għawdex. Fiż-żewġ laqgħat bdejna b'mument ta' talb imbagħad komplejna b'ikla flimkien li tagħtna l-opportunità nsiru nafu lill-Isqfijiet tagħna u huma jsiru jafu lilna.

Mument ieħor sabiħ kien il-laqgħa li kellna mal-benefatturi u qraba tal-membri tagħna. F'din il-laqgħa, li ssir ta' kull sena, dawn il-membri ppreżentaw ftit minn fejn ġejjin anke permezz ta' kant mill-pajjiż tagħhom.

Jidher li din il-laqgħa internazzjonali ħalliet ħafna ġid u ta' dan nirringrazzjaw ħafna lill-Mulej. Nirringrazzjaw ħafna wkoll lid-diversi benefatturi tagħna li permezz tal-għajnuna tagħhom esperjenzi bħal dawn ikunu possibli.

